# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju 2021**

**Rikors Numru 437/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**L-Avukat Dr Carlo Bisazza kif debitament awtorizzat jidher għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Velocity Ventures Limited (C85204)**

***Versus***

**Dr Martin Fenech u l-PL Liliana Buhagiar appuntati bħala Kuraturi Deputati permezz ta' digriet tat-13 ta' Ottubru 2020 sabiex jirrapreżentaw is-soċjeta' estera Amerikana, (file no: L17000104168), Karsh Industries LLC**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 16 ta' Ġunju 2020, li permezz tiegħu r-rikorrent nomine, bil-ġurament tiegħu, talab is-segwenti:

> *1. Illi s-soċjeta' rikorrenti ġiet kuntrattata da parti tas-soċjeta' intimata sabiex tissuplixxi servizzi ta' online sales u advertising kif jirriżulta mill-anness kuntratt firmat bejn il-partijiet u datat is-16 ta' Awissu2019, mmarkat bħala Dok CB1.*
>
> *2. Illi ai termini tal-istess kuntratt bħala ħlas għas-servizzi mogħtija is-soċjeta' attriċi kellha tirċievi persentaġġ, senjatament ħamsa fil-mija (5%), mid-dħul gross ġenerat mill-attivita' online tas-soċjeta' intimata. Illi ai finijiet ta' trasparenza s-soċjeta' attriċi kellha aċċess dirett għad-dħul ġenerat da parti tas-soċjeta' intimata permezz tal-programm Google Analytics.*

*3. Illi mill-fatturi li jkopru l-perjodu mis-7 ta' Ottubru sat-30 ta' Diċembru 2019, il-bilanċ dovut għal servizzi u spejjeż huwa ta' wieħed u erbgħin elf u tmienja u sebgħin Dollaru Amerikan u wieħed u disgħin ċenteżmu (USD 41,078.91) ekwivalenti għal sitta u tletin elf, tlett mija u tmienja u tletin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€36,389.96), kif jirriżulta mill-annessi fatturi mmarkati Dok CB2(A-E).*

*4. Illi minkejja interpellata sabiex tħallas l-ammont minnha dovuta permezz ta' ittra legali datata 6 ta' April 2020, u minkejja diversi wegħdiet ta' ħlas da parti tas-soċjeta' intimata, ta' l-aħħar baqgħet inadempjenti.*

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, m'għandhiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:*

*1. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma bilanċjali ta' wieħed u erbgħin elf u tmienja u sebgħin Dollaru Amerikan u wieħed u disgħin ċenteżmu (USD 41,078.91) ekwivalenti għal sitta u tletin elf, tlett mija u tmienja u tletin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€36,389.96) jew somma verjuri skond ir-rata tal-kambju viġenti, rappreżentanti pagamenti/commissions u spejjeż dovuti lis-soċjeta' rikorrenti mis-7 ta' Ottubru sat-30 ta' Diċembru 2019;*

*2. Tordna u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' wieħed u erbgħin elf u tmienja u sebgħin Dollaru Amerikan u wieħed u disgħin ċenteżmu (USD 41,078.91) ekwivalenti għal sitta u tletin elf, tlett mija u tmienja u tletin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€36,389.96) jew somma verjuri skond ir-rata tal-kambju viġenti, kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekorribbli sal-jum tal-effettiv tal-pagament kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni*

2. Rat illi fis-26 ta' Ġunju 2020, il-Qorti ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jappunta Kuraturi Deputati.

3. Rat illi fit-13 ta' Ottubru 2020, ġew appuntati Dr Martin Fenech u l-PL Liliana Buhagiar, bħala Kuraturi Deputati.

4. Rat illi fis-6 ta' Jannar 2021 il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għat-8 ta' Frar 2021.

5. Rat l-affidavit ta' **Oliver Mauss**, **Nikhil Manish Gokal** u **Agnieszka Poznanska** ippreżentati fit-28 ta' Jannar 2021.

6. Rat illi l-Kuraturi Deputati ġew notifikati fit-8 ta' Frar 2021.

7. Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati, ippreżentata fil-25 ta' Frar 2021, fejn ressqu s-segwenti difiżi:

   1. *Illi fl-ewwel lok għandu jiġi ppruvat li verament inħarġu dawn l-invoices u li huma dovuti dawn is-somom.*

2. *Illi fit-tieni lok l-esponenti mhux edotti mill-fatti u jirriservaw li jossottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti kollha.*

3. *Illi fit-tielet lok ir-rikorrenti għandu jissottometti prova tan-notifika u ta' xi indirizz alternattiv.*

8. Rat illi fit-13 ta' April 2021, ir-rikorrent nomine Dr Carlo Bisazza għarraf lill-Qorti illi huwa għadda informazzjoni lill-Kuraturi sabiex jikkomunikaw mas-soċjeta' estera.

9. Rat illi fit-13 ta' April 2021, ir-rikorrent nomine ddikjara illi huwa ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

10. Rat illi fit-13 ta' April 2021 il-kawża ġiet differita għall-provi kollha tal-Kuraturi Deputati.

11. Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2021, il-Kuraturi Deputati ma ressqu ebda provi, u għalhekk il-Qorti qieset illi ma kienx hemm provi x'jagħmlu.

12. Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2021, fuq talba tar-rikorrenti, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

13. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi s-soċjeta' Velocity Ventures Limited, debitament rappreżentanta minn Dr Carlo Bisazza, ġiet kuntrattata da parti tas-soċjeta' intimata estera Karsh Industries LL.C, illi għaliha ġew appuntati bħala Kuraturi Deputati Dr Martin Fenech u l-PL Liliana Buhagiar, sabiex tissuplixxi servizzi ta' *online sales* u *advertising*, u dana kif jirriżulta mill-kuntratt ffirmat bejn il-partijiet u datat is-16 ta' Awissu 2019, ppreżentat mir-rikorrent bħala Dok CB1.

14. Jirriżulta illi, ai termini tal-istess kuntratt, bħala ħlas għas-servizzi mogħtija, is-soċjeta' attriċi kellha tirċievi persentaġġ, senjatament ħamsa fil-mija (5%), mid-dħul gross generat mill-attivita' *online* tas-soċjeta' intimata.

15. Jirriżulta illi, ai finijiet ta' trasparenza, is-soċjeta' attriċi kellha aċċess dirett għad-dħul ġenerat da parti tas-soċjeta' intimata permezz tal-programm '*Google Analytics*'.

16. Jirriżulta illi, mill-fatturi li jkopru l-perjodu mis-7 ta' Ottubru sat-30 ta' Diċembru 2019, il-bilanċ dovut lis-soċjeta rikorrenti Velocity Ventures Limited, għal servizzi u spejjeż, huwa ta' wieħed u erbgħin elf u tmienja u sebgħin Dollaru Amerikan u wieħed u disgħin ċenteżmu (USD 41,078.91) ekwivalenti għal sitta u tletin elf, tlett mija u disgħa u tmenin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€36,389.96), kif jirriżulta mill-fatturi ppreżentati mir-rikorrent u mmarkati Dok CB2(A-E).

17. Jirriżulta illi, minkejja li ġiet interpellata sabiex tħallas l-ammont minnha dovut permezz ta' ittra legali datata 6 ta' April 2020, u minkejja diversi wegħdiet ta' ħlas da parti tas-soċjeta' intimata, tali ħlas jidher illi qatt ma seħħ u s-soċjeta' intimata Karsh Industries LLC baqgħet inadempjenti.

18. Jirriżulta illi l-Kuraturi Deputati ma ressqu ebda prova li jistgħu jikkontestaw il-fatti kif mressqa u ddikjarati bil-ġurament mir-rikorrent nomine w ix-xhieda minnu ppresentati.

19. Jirriżulta, għalhekk, illi l-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tilqa' t-talbiet attriċi, kif dedotti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti tal-kawża;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-Kuraturi Deputati;

**Tilqa'** t-tabiet attriċi kif dedotti, u għalhekk:

**Tiddikjara** illi s-soċjeta' konvenuta Karsh Industries LLC hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi Velocity Ventures Limited fis-somma ta' sitta u tletin elf, tlett mija u disgħa u tmenin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€36,389.96), ekwivalenti għal wieħed u erbgħin elf u tmienja u sebgħin Dollaru Amerikan u wieħed u disgħin ċenteżmu (USD 41,078.91), rappreżentanti pagamenti, commissions u spejjeż dovuti lis-soċjeta' rikorrenti mis-7 ta' Ottubru sat-30 ta' Diċembru 2019;

**Tikkundanna** lis-soċjeta' konvenuta Karsh Industries LLC tħallas lis-soċjeta' attriċi Velocity Ventures Limited is-somma ta' **sitta u tletin elf, tlett mija u disgħa u tmenin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€36,389.96)** għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni sal-jum tal-effettiv pagament kontra s-soċjeta' konvenuta Karsh Industries LLC.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**